# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**

**Raymond Sultana**

**Illum: 6 ta` Mejju,  2024**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Sultanta(177783 M) bin Angelo u Giovanna nee Ciantar mwieled fil-21/03/1983 u toqghod 74 B triq Santa Marija, Gudja  u talli fit-08 ta' Frar, 2021 ghall-habta ta' 18:00hrs fi Triq, Dawret il-Gudja, Gudja soqt vettura nru JBO672.

1. U aktar talli  b'nuqqas ta hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta tharis ta regolamenti ikkaguna hruq jew ghamilt xi hsara jew hassar jew gharraqt xi haga minhabba f'hekk  Consiglio Grixti baghta offiza gravi fuq il-persuna minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikoluu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr Kimberly Micallef MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni tablet li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f' kas ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill- LS 65.18 Art 36 B u fil- LS 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 328 ( c)  tal- Kap 9 LS 65.18 Art 36 B u fil- LS 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nomina tal-Perit Dr Robert Musumeci tal-11 ta' April 2022`.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha, d-dokumenti kollha ezebiti u l-provi kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 1568 M Falzon** xehed permezz ta' affidavit dwar l-involviment tieghu fil-kaz.

**PC 417 L Degabriele** xehed permezz ta' affidavit dwar l-involviment tieghu fil-kaz.

**Tabib Kimberly Micallef** xehed permezz ta' affidavit dwar Consiglio Grixti.

**Consiglio Grixti,** xehed dwar id-dinamikla tal-incident u specifikament fuq Pjanta RM2/2 imhejjija mill-Perit Musumeci wera t-tragetturja tieghu u tal-imputat li wasslet ghall-incident.

**Marvin Grixti,** xehed dwar id-dinamikla tal-incident u specifikament fuq Pjanta RM2/2 imhejjija mill-Perit Musumeci wera t-tragetturja tal-imputat u is-sewqan ta Consiglio Grixti.

**Mr Ray Gatt** xehed dwar l-griehi sofferti minn Consiglio Grixti.

**Doris Vella** ezebiet Kopja tal-file ta Consiglio Grixti.

**Raymond Sultana** spjega id-dinamika tal-incident u specifikament li Consiglio Grixti kien qed jaqbez ringiela ta karoxxi minn fuq in-naha ta' gewwa u dan ukoll b' referenza ghal Dok RM2/2.

**L-Perit Robert Musumeci** esebixxa DOK RM rapport tieghu u xehed in elaborazzjoni viva voce.

**Ikkunsidrat**

Ill-hareg car mix-xhieda kollha li Consiglio Grixti kien qed isuq minn fuq il-lemin ta' diversi vetturi ezatt qabel ma intlaqat minn Raymond Sultana. Dan jidher ukoll minn

Dok 7072203/2 u 7072203/3 Is-sorpass irid isir minn fuq ix-xellug. Dan ifisser li hu ikkreja emergenza subitanea li Raymond Sultana ma kellhux hin jirrejagixxi ghaliha u l-incident bhekk sehh unikamen tord ta’ Consiglio Grixti.

**Decide**

Ghal dawn il- motivi ma issibx lil Raymond Sultana hati tal-imputazzjoni fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**